Minuti tal-Laqgħa Nru. 7 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Diċembru 2015 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sra. Denise Cutajar |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Kearon Bruno<br>Is-Sur. Eric C Camilleri<br>Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sinjura Elaine Camilleri |
| Skużata | Is-Sinjura Lucia Massa |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-minuti
3. Korrispondenza
4. Tender tal-Bandli
5. Attivitajiet Kulturali 2016
6. Magazine tal-Kunsill
7. Bibita tal-Milied
8. Mawra għall Għawdex (Betlem f' Għajnsielem)
9. Eżitu tal-Appell fuq it-tender tal-Knies
10. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
11. Aġġornament

**Is-Sindku informa li l-Kunsilliera Massa ma setgħetx tkun preżenti waqt il-laqgħa minħabba impennji personali.**

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri qalet li kull fejn tissemma hi għandha tkun imsemmija bħala Camilleri Schembri

1.2 Fuq punt 3.6 il-Kunsilliera Camilleri Schembri qalet biex titniżżel għall kemm il-sena issir is-sħubija fil-GAL Xlokk.

## 2.0 PUNTI IMQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Is-Sindku qal lis-Segretarju biex jara minn huwa sid il-binja li bena fi Triq Ġużeppi Penza biex inkellmuh fuq il-problema tal-iskart tal-binjiet. Is-Segretarju semma li huwa kien diġa bagħatilhom ittra fuq din il-problema. Is-Sindku talbu bie iġib id-dettalji.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsillier Eric Camilleri semma li fejn hemm Triq l-Aħwa Vassallo kien hemm bżonn li jikber l-amperaġġ tal-bozza billi din kienet baxxa.

3.2 Il-Kunsillier Caruana semma li fejn joqgħod huwa fi Triq tal-Maħżnier kien hemm bozza li kienet qed iteptep biex xi ħadd jmur jirranġaha.

3.3 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri qalet li l-ilmenti li għaddiet hija fuq id-dawl dawn ġew irranġatti kollha.

3.4 Il-Kunsillier Camilleri qal li fi Triq Ħal Farruġ bħalissa qed issir trinka minħabba xi xogħol. Is-Sindku qallu li din tista tkun relatatta ma xi xogħol biex issir installazzjoni tad-dawl. Huwa qal lis-Segretarju biex jara minn qed jagħmel dan ix-xogħol biex il-Kunsill ikun jista jintervjeni jekk dan huwa fuq xogħol t' installazzjoni tad-dawl.

3.5 Is-Sindku semma li kien hemm stedina minn naħa tal-Fontana biex inkunu nistgħu nattendu għall festa tal-Qalb ta' Ġesu li ssir f' Ġunju li ġej. Is-Sindku qal li bħala Kunsill nistgħu nippjanaw għaliha meta joqrob aktar iż-żmien.

3.6 Is-Sindku informa li kienu se jibdew il-courses taz-Zumba it-tieni parti.

3.7 Is-Sindku semma li ġejna infurmati minn naħa tat-TCTC li kienu se jsiru xi courses għall adulti s-sena d-dieħla. Huwa ressaq timetable lill-Kunsilliera ta kif kienu se jsiru il-courses. Il-Kunsilliera qablu ma dawn il-courses.

3.8 Is-Sindku ressaq email fuq closing conference li kienet se ssir fuq programm Europe for Citizens. Huwa appella biex jekk hemm xi kunsilliera interessati jattendu għaliha.

3.9 Is-Sindku semma li kienet se ssir konferenza mill-NCPE fuq id-drittijiet tan-nisa. Huwa qal biex jekk hemm xi Kunsilliera interessati jinfurmawna biex inkunu nistgħu nagħmlulhom booking.

3.10 Is-Sindku semma li kien hemm email rigward organiżżazzjoni t' attivitajiet relatatti mal-Karnival. Il-Kunsillier Camilleri saqsa aktar dettal fuq minn kien bagħat l-email. Il-Kunsillier Camilleri qal li huwa diġa kellu f' moħħu pjanijiet kif għandha tkun organiżżata din l-attivita.

3.11 Is-Sindku semma li kien hemm email minn naħa tal-President fuq laqgħa fuq Corporate Social Responsability.

3.12 Il-Kunsillier Caruana semma li huwa kien kellem lis-Sur. Formosa fuq il-kmamar tal-injam għall qtates. Is-Sindku qallu li dawn kien hemm xi ftehim fejn il-Ministeru kien se jieħu ħsieb biex jagħmilhom hu.

3.13 Is-Sindku semma li se ssir konferenza fuq diversi temi soċjali b' working groups differenti.

3.14 Is-Sindku semma li saret inizjattiva minn naħa tal-iskola Ekoskola li fl-okkażżjoni tal-Milied dawn ġabru wrapping paper użata biex din tintuża fit-tiżjin tal-Milied.

3.15 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri saqsiet jekk il-Kunsill Lokali kellu xi risposta fuq il-proġett Eden a Taste of the Mediterranean. Is-Segretarju qal li huwa se jkun qed jiċċekkja magħhom.

3.16 Il-Kunsillier Camilleri saqsa jekk kienx hemm xi risposta fuq tar-restawr. Is-Segretarju qal li huwa se jibgħat email biex jiċċekkja mad-Dipartiment.

3.17 Is-Segretarju semma li l-website issa kienet kważi lesta u kien jonqos li ssir il-link għall istreaming.

3.18 Il-Kunsillier Bruno tkellem fuq is-Sotto Kumitat taż-Żgħażagħ fejn dawn diġa iltaqgħu darba. Huwa semma li kien hemm żewġ membri biss s' issa imma dawn se jkomplu jiżdiedu biex anki jkunu rappreżentati għaqdiet oħrajn li hawn ġewwa Ħal Luqa.

3.19 Il-Kunsillier Caruana saqsa meta kien se jerġa jissewwa San Tumas. Is-Segretarju semma li huwa kellu jmur jara kif ġew l-buzzetti biex filkaż dawn jerġgħi jitwaħħlu.

3.20 Il-Kunsillier Caruana semma li fejn hemm il-water culverts dawn ma ġewx imnaddfin. Is-Sindku semma li bħalissa l-ħaddiema qed ikunu assenjati fuq it-tindif imma kif issa jerġa kollox għan normal ikunu jistgħu jiddedikaw ruħhom fuq xogħolijiet oħra.

3.21 Il-Kunsillier Camilleri saqsa jekk tistax issir bozza fejn hemm il-Lidl billi hemm ħafna dlam. Is-Sindku qallu li hemm problema minħabba l-Airport billi d-dwal itellfu.

3.22 Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk kinitx saret xi ħaġa rigward it-traffic management għall Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra u dwar il-bus shelter. Is-Sindku qal li rigward il-bus shelter

huwa reġa kellem uffiċċjali tat-TM. Rigward it-traffic management huwa qal li qabel iridu jiddiskutu dan is-suġġett bħala Kunsill.

3.23 Il-Kunsillier Caruana semma li kien hemm bżonn li ssir camera fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa minħabba l-karozzi li kienu qed isuqu b' veloċita eċċessiva. Is-Sindku u l-bqija tal-Kunsilliera qablu ma din il-proposta.

3.24 Il-Kunsillier Caruana qal li din trid issir fil-parti qabel it-traffic lights u qabel il-liwja. Is-Sindku qal lis-Segretarju biex jikteb lir-Reġjun u TM fuq din id-deċiżjoni biex b' hekk titmexxa.

3.25 Il-Kunsillier Caruana semma li fi Triq il-Gudja ukoll qed ikun hemm diversi karozzi li qed isuqu b' veloċita eċċessiva. Is-Sindku qal biex ninfurmaw lill-Kummissarju tal-Pulizija biex ikun hemm infurzar.

3.26 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri saqsiet fuq l-income and expenditure tal-Kunsill. Is-Segretarju qal li dan se jkun qed jippreparah l-accountant bħala parti minn xogħolu.

3.27 Is-Segretarju semma li huwa jixtieq li jakkumula 11 il-ġurnata leave minn din is-sena għas sena d-dieħla peress li kien għad fadallu ħafna. Is-Sindku ikkonferma li huwa kien fadallu ħafna leave u qabel. Il-Kunsilliera l-oħra qablu mas-Sindku.

**4.0 TENDER TAL-BANDLI**

4.1 Is-Sindku semma li kellu rakkomandazzjoni minn naħa tal-Perit li kien issuġġerrixxa biex ix-xogħol tal-Bandli jingħata lill-JGC Playon, peress li dan wera li kellu aktar esperjenza fix-xogħol, kellu prezzijiet aktar vantaġġjużi u kellu aktar options. Il-Kunsilliera kollha qablu ma din ir-rakkomandazzjoni.

4.2 Il-Kunsillier Caruana semma li fil-Bandli jrid ikun hemm xi forma ta' lqugħ bejn il-parti fejn hemm il-club tal-boċċi u l-bqija tal-Bandli. Is-Sindku qal li qabel ma jinbeda x-xogħol se nkunu qed niltaqgħu u nitkellmu aktar fid-dettal.

**5.0 ATTIVITAJIET KULTURALI 2016**

5.1 Ma kienx hemm items taħt dan is-suġġett.

**6.0 MAGAZINE TAL-KUNSILL**

6.1 Is-Sindku qal lill-Kunsilliera li kien hemm il-ħsieb li jinħareġ il-magazine għall bidu tas-sena d-dieħla. Huwa appellalhom biex jibdew ilestu l-kontribuzzjonijiet tagħhom.

**7.0 BIBITA TAL-MILIED**

7.1 Is-Sindku ippropona biex ikun hemm bibita tal-Milied li tkun miftuħa anki għar rappreżentanti tal-Għaqdiet.

**8.0 MAWRA GĦALL GĦAWDEX (BETLEM F' GĦAJNSIELEM)**

8.1 Ma kienx hemm items fuq dan is-suġġett.

**9.0 EŻITU TAL-APPELL FUQ IT-TENDER TAL-KNIES**

9.1 Is-Sindku qal li kienet ħarġet id-deċiżjoni tal-appell fuq it-tender tal-knies li kellu fuqu l-Kunsill Lokali. Huwa qal li l-appell kien qatgħaha favur il-Kunsill. Issa għalhekk konna se niċċekkjaw jekk kienx reġa sar xi appell fuq dan l-istess appell biex b' hekk ikun jista jibda l-kuntrattur il-ġdid.

9.2 Il-Kunsillier Caruana semma li issa irridu nitkellmu mal-kuntrattur biex dan ikun attrezzat biex ikun jista jnaddaf taħt il-bankini bil-makkinarju. Is-Sindku qallu li bħala Kunsillier responsabbli mit-tindif għandu jiddiskutu dawn il-bżonnijiet mal-kuntrattur mill-ewwel.

**10.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET**

10.1 Is-Segretarju semma li kien hemm xi persuni li talbu refund għall kors tal-First Aid u oħrajn li ma setgħux jiġu għall ħarġa t' Għawdex biex dawn jerġgħu jingħataw il-flus lura. Il-Kunsill approva dawn ir-refunds.

10.2 Is-Sindku semma każ fejn kien hemm talba għar rimbors fuq inċident li ġara fi Triq Ħal Farruġ. Is-Sindku semma li għalkemm dan kellu rapport, ir-rapport ma kienx sar dak il-ħin li fih ġara l-inċident. Huwa semma li ma kienx hemm provi suffiċjenti u għalhekk ħass li dan ma kellux jgħaddu għall kumpens. Il-Kunsilliera raw li dan kien minnu u qablu li dan ma jingħatax kumpens.

## 11.0 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar il-Ġimgħa 4 ta' Diċembru 2015 fis-7.15 pm. Kien hemm il-ġurnata tat-23 ta' Diċembru 2015 proposta għal laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ________________________2015.

______________________ John Schembri Sindku

______________________ Michael Portelli Segretarju Eżekuttiv